# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA
TEL: 2155 6661 - 21556427 - 2155 1211 FAX: 2155 1278 WEBSITE: www.gozodiocese.org


## FTUĦ TAS-SENA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Is-Sibt 18 ta' Ottubru, 2008 ser isir il-Ftuħ tas-Sena Soċjali fuq bażi djoċesana 2008 -2009 fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria. Tibda fil-5.00p.m b'diskors tal-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika, Powerpoint dwar is-Sena Pwlina u l-Missjoni Djoċesana 2008-2009 u wara quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech, Isqof t'Għawdex flimkien ma' l-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. Il-membri kollha huma mistiedna jieħdu sehem.

## FTUĦ SOLENNI TAL-MISSJONI DJOĊESANA IL-ĠIMGĦA, 10 TA' OTTUBRU, 2008

1. Il-Kumitat Ċentrali javża li l-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana ser isir nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru 2008 b'Konċelebrazzjoni preseduta mill-E.T.Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex, fis-6.00p.m. fil-Pjazza quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Munxar, (f'każ ta' Maltemp isir kollox fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija). Is-Saċerdoti kollha huma mistiedna jikkonċelebraw.
Kulħadd huwa mistieden u nappellaw lir-responsabbli tal-Għaqdiet u Movimenti Ekklezjali kollha biex f'dak il-jum fil-ħin tal-funzjoni tal-Ftuħ tal-Missjoni ma jsiru l-ebda laqgħat jew attivitajiet oħra biex il-membri jkunu jistgħu jattendu għal din il-funzjoni. Inħeġġu lill-membri kollha biex jattendu.
2. Navżaw ukoll lill-membri kollha tal-Għaqdiet u Movimenti Ekklezjali biex jattendu għal-laqgħat ta' Formazzjoni Missjunarji f'Ta' Pinu fuq bażi Djoċesana nhar il-Ġimgħa 17 u 31 t'Ottubru fis-7.00p.m. u fuq Bażi Parrokkjali l-Ġimgħa, 24 t'Ottubru fis-7.00p.m. kulħadd fil-Parroċċa tiegħu. Nirrikmandaw li f'dawn id-dati ma jsirux laqgħat oħra fil-ħin ta' dawn il-laqgħat biex il-membri jkunu jistgħu jieħdu sehem.

## SILTA MILL-MESSAĠĠ TAL-PAPA BENEDITTU XVI FL-0KKAŻJONI TAL-ĠURNATA MISSJUNARJA IL-ĦADD 19 T'OTTUBRU

Il-Ħadd 19 t'Ottubru 2008 taħbat il-Ġurnata Missjunarja. F'dan il-jum kulħadd għandu jagħti s-sehem sħiħ tiegħu bit-Talb u l-offerta tiegħu. Niftakru wkoll fil-Missjunarji rġiel u nisa fosthom numru sabiħ ta' lajċi li qegħdin jiddedikaw ħajjithom għall-kawża missjunarja anke mill-gżejjer tagħna.

Fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja Mondjali, nixtieq nistiedinkom biex tiriflettu fuq l-urġenza li għad hemm li nxandru l-Evanġelju anki fi żmienna. Il-kmand missjunarju jibqa' prijorità assoluta għall-imgħammdin kollha, imsejħin biex ikunu qaddejja u appostli ta' Ġesù Kristu fil-bidu ta' dan il-millennju. Bħala mudell ta' dan l-impenn appostoliku nieħu pjaċir insemmi b'mod partikulari lil San Pawl, l-Appostlu tal-Ġnus, għaliex din is-sena qegħdin niċċelebraw ġublew speċjali ddedikat lilu.

Ħuti għeżież, ejjw naqdfu 'l barra fil-baħar immens tad-dinja u, filwaqt li nilqgħu l-istedina ta' Ġesù, inkalaw bla biża' x-xbiek, fiduċjużi fl-għajnuna kostanti tiegħu……..

(Papa Benedittu XVI).

# Kalendarju Pastorali

Ottubru 2008 Numru 382

| | |
|---|---|
| 1. Erbgħa | Santa Tereza tal-Bambin Ġesu' verġni u duttur tal-Knisja –Tifkira (0).<br>Jum Internazzjonali ta' l-Anzjani (NU) |
| 2. Ħamis | L-Angli Kustodji Mqaddsa - Tifkira (O). |
| 3. Ġimgħa | Santa Fawstina Kawsalska. V.<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 4. Sibt | San. Franġisk t'Assisi – Tifkira (O). Jum l-Ambjent<br>Ittra ta' Mons Isqof Mario Grech lill-familji.<br>F'kull Quddiesa ssir it-Tħabbira tal-Missjoni Djoċesana<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda b'quddiesa fit-8.00p.m. |
| 5. Ħadd | Is-27 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena A, paġna 389.<br>F'kull quddiesa ssir it-Tħabbira tal-Missjoni Djoċesana.<br>Jum it-tagħlim Nisrani – Jingħata l-Mandat lill-Katekisti.<br>Issir il-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċi kollha.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 6.Tnejn | San Bruno,presbiteru – Tifkira |
| 7.Tlieta | L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju. - Tifkira (0). |
| 10.Ġimgħa | Ftuħ Solenni tal-Missjoni Djoċesana fil-Munxar fis-6.00p.m.<br>Jum Dinji għas-Saħħa Mentali (NU) |
| 11. Sibt | Id-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali – Festa.<br>Bidu taż-żjara tar-Relikwija tal-Id ta' San Pawl fil-Parroċċi. Talb speċjali ghas-suċċess tal-Missjoni.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja ta' Savina , Victoria li jibda fit-8.00p.m. |
| 12. Ħadd | It-28 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena A, paġna 395.<br>Jum it-Tagħlim Nisrani (Mandat lill-Katekisti)<br>Festa tal-Madonna tal-Patroċinju fil-Knisja tal-Wied, Għasri.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 13.Tnejn | Is-6 dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja ta' Ħamet. Fil-5.30p.m.Adorazzjoni Solenni u fis-6.30p.m. Quddiesa mill-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grechu wara pellegrinaġġ ta' Talb, kurunella u Barka Sagramentali. |
| 14.Tlieta | Laqgħa għa-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta. – Kappella ta' l-Università fis-7.15p.m. KDŻ. |
| 15.Erbgħa | Santa Teresa ta' Ġesu' V. u Duttur tal-Knisja. Tif.(0) |
| 16.Ħamis | Santa Margerita Marija Alacoque, Verġni. -Jum Dinji ta' l-Ikel (NU) |
| 17. Ġimgħa | Sant'Injazju t'Antijokja, Isqof u Martri – Tifkira (O).<br>Laqgħa djoċesana Formazzjoni Missjunarji f'Ta' Pinu fis-7.00p.m. |
| 18. Sibt | San Luqa Evanġelista – Festa.<br>Ftuħ tas-Sena Soċjali 2008-2009 ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, Dar Ċentrali tal-A.K. Victoria fil-5.00p.m- 7 p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Parroċċa ta' Għajnsielem, li jibda b'quddiesa fit-8.00p.m. |
| 19. Ħadd | Id-29 Ħadd tas-Sena. Messalin Sena A, paġna 400.<br>ĠURNATA MISSJUNARJA. Isir ġbir għall-Missjoni tal-Opri Missjunarji Pontifiċji.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m.<br>Festa ta' Ġesu' Nazzarenu – Nazzarenu, Xagħra. |
| 21.Tlieta | Sant' Ursola u sħabha Martri – Solennita' biss fil-Katidral. |
| 24.Ġimgħa | Kampanja ta' solidarjetà « Għin biex trebbaħna » Kumpless Sportiv tas-Seminarju-.<br>Laqgħa Parrokkjali Formazzjoni Missjunarji, Parriċċi rispettivi fis-7.00p.m. |
| 25.Sibt | Kampanja ta' solidarjetà « Għin biex trebbaħna » Kumpless Sportiv tas-Seminarju-.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Knisja Santwarju Ta' Pinu li tibda fis-6.30p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov Ewk. fil-Parroċċa tal-Qala li jibda fit-8.00p.m. |
| 26. Ħadd. | It-30 Ħadd tas-sena. Messalin sena A, paġna 427. – JUM IL-BIBBJA<br>Kampanja ta' solidarjetà « Għin biex trebbaħna » Kumpless Sportiv tas-Seminarju-.<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco, Victoria fil-5.30p.m. |
| 28.Tlieta | San Xmun u San Ġuda, Appostli- Festa. |
| 31.Ġimgħa | Laqgħa Djoċesana Formazzjoni Missjunarji f'Ta' Pinu fis-7.00p.m. |